

Dikjarazzjoni



Translations proofread by EDPB Members.

This language version has not yet been proofread.

Dikjarazzjoni 4/2025 dwar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-abbozz ta' termini kuntrattwali mudell mhux vinkolanti dwar il-kondiviżjoni tad-*data* skont l-Att dwar id-*Data* (verżjoni tat-22 ta' Mejju 2025)

Adottata fit-8 ta' Lulju 2025

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* adotta d-dikjarazzjoni li ġejja:

Il-Kummissjoni Ewropea kkondividiet l-abbozz ta' termini kuntrattwali mudell mhux vinkolanti dwar il-kondiviżjoni tad-*data* ("MCTs") u klawżoli kuntrattwali standard mhux vinkolanti għal kuntratti tal-cloud computing skont l-Artikolu 41 tal-Att dwar id-*Data* mal-EDPB, u ppreżentathom lis-sottogrupp ta' esperti tas-CEH tal-EDPB fis-27 ta' Mejju 2025. Meta titqies ir-rabta mill-qrib bejn l-aċċess għad-*data* u l-kondiviżjoni skont l-Att dwar id-*Data* u l-GDPR, sa fejn hija kkonċernata d-*data* personali, l-EDPB irrieżamina l-MCTs u jixtieq jipprovdi għadd ta' kummenti ġenerali lill-Kummissjoni. L-EDPB jibqa' disponibbli biex jiprovdi aktar pariri jekk ikun meħtieġ u jenfasizza li dan id-dokument huwa relatat biss mal-MCTs. Barra minn hekk, il-kummenti ġenerali pprovduti f'dan id-dokument huma mingħajr preġudizzju għal osservazzjonijiet ulterjuri li l-EDPB jista' jipprovdi fil-futur dwar l-interazzjoni bejn l-Att dwar id-*Data* u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* personali, il-privatezza u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet u l-integrità tat-tagħmir terminali.

Kuntest

L-EDPB jinnota li l-proċess tal-iżvilupp tal-MCTs beda fl-2022. Fis-27 ta' Mejju 2025, is-sottogrupp ta' esperti tas-CEH ġie infurmat mill-Kummissjoni li se jintlaqa' rispons rapidu, meta titqies l-iskeda ta' żmien tal-Kummissjoni għar-rakkomandazzjoni tagħhom. Minħabba l-kumplessità tas-suġġett u l-perjodu ta' żmien limitat għall-feedback, il-kummenti tal-EDPB huma ta' natura mhux eżawrjenti u ta' livell għoli.

Kummenti ġenerali

L-EDPB jixtieq iressaq il-kummenti ġenerali li ġejjin għall-attenzjoni tal-Kummissjoni:

- L-EDPB jinnota li l-MCTs jidhru li nkitbu għal partijiet kontraenti b'pożizzjoni differenti, peress li "utenti", fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Att dwar id-*Data*¹, jistgħu jkunu persuna ġuridika, jew persuna fiżika. F'każ li utent ikun persuna fiżika, jista' jikkwalifika jew jista' ma jikkwalifikax bħala suġġett tad-*data* skont il-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*. Barra minn hekk, anke f'każ li l-"utent" jista' jikkwalifika bħala suġġett tad-*data* skont il-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*, tista' tkun involuta wkoll *data* personali ta' persuni fiżiċi oħrajn². F'xi każijiet, il-formulazzjoni attwali tal-MCTs tiffoka fuq l-interazzjonijiet bejn il-persuni ġuridiċi, li tqajjem tħassib dwar jekk l-implikazzjonijiet għall-persuni fiżiċi ġewx ikkunsidrati bis-sħiħ. F'każijiet oħra, il-persuni li għalihom japplikaw it-termini mhux dejjem jiġu identifikati b'mod ċar. L-EDPB jirrakkomanda li dan jiġi ċċarat ulterjorment u li jiġi kkunsidrat ukoll jekk jistax ikun utli li jiġu żviluppati MCTs differenti skont jekk l-utent huwiex is-suġġett tad-*data* jew le.
- L-EDPB jinnota li ċerti termini jagħmlu distinzjoni ċara bejn *data* personali u *data* mhux personali, filwaqt li oħrajn le. Għat-termini fejn ma ssirx tali distinzjoni, l-EDPB jirrakkomanda li jiġi rieżaminat jekk tali distinzjoni tappoġġax lill-partijiet kontraenti biex jiddeterminaw il-qafas legali applikabbli. Pereżempju, l-EDPB jinnota b'mod partikolari, it-termini dwar il-kumpens fl-Annessi II u III, li huma fformulati b'mod ġenerali ħafna fil-formulazzjoni attwali tagħhom u jistgħu jwasslu għal mistoqsijiet dwar il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. L-EDPB jirrakkomanda bis-saħħa li l-Kummissjoni tirrestrinġi l-mekkaniżmi ta' kumpens fl-Annessi II u III għall-użu ta' *data* mhux personali, f'konformità mal-Artikolu 4 (13) tal-Att dwar id-*Data*³.
- Il-MCTs jibbenefikaw minn ċarezza u minn struttura mtejbja. L-inklużjoni ta' taqsima dwar id-definizzjonijiet tagħmilha aktar faċli li wieħed jifhem l-MCTs, b'mod partikolari għal kunċetti bħal "*data* tal-konsum". Barra minn hekk, il-kontroreferenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti fl-Att dwar id-*Data* u l-GDPR fil-kaxxi ta' informazzjoni hija rakkomandata biex tiġi żgurata l-koerenza legali.
- L-EDPB ifakkar li skont l-Artikolu 1(5) tal-Att dwar id-*Data*, l-Att dwar id-*Data* huwa mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-*data* personali, il-privatezza u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet u l-integrità tat-tagħmir terminali, b'mod partikolari r-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725 u d-Direttiva 2002/58/KE. Fil-każ ta' kunflitt bejn l-Att dwar id-*Data* u d-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* personali jew il-privatezza jew id-dritt nazzjonali adottat f'konformità ma' tali dritt tal-Unjoni, għandu jipprevali d-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-*data* personali jew il-privatezza. Għalhekk, l-EDPB

¹ L-Artikolu 2(12) tal-Att dwar id-*Data*.

² Pereżempju, fil-każ ta' tagħmir tad-dar konness użat minn membri differenti tal-familja.

³ Ara wkoll l-[Opinjoni Konġunta 2/2022 tal-EDPB-EDPS dwar il-Proposta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli armonizzati dwar l-aċċess ġust għad-*data* u l-użu tagħha \(l-Att dwar id-*Data*\)](#), adottat fl-4 ta' Mejju 2022, il-paragrafi 15, 59 u 63. Kif iddikjara l-EDPB f'diversi okkażjonijiet, fl-aħħar nett fl-Opinjoni 08/2024 dwar Kunsens Validu fil-Kuntest ta' Mudelli ta' Ħallas jew Ikkonsenti Implimentati minn Pjattaformi Online Kbar, adottata fis-17 ta' April 2024 (sommariju eżekuttiv, paragrafi 130 u 180), id-*data* personali ma tistax titqies bħala komodità kummerċjabbli.

jirrakkomanda li dan isir aktar espliċitu fl-MCTs filwaqt li jiġi ċċarat li tali liġijiet għandhom jipprevalu fuq it-termini kuntrattwali f'każ ta' kunflitt.

- L-EDPB iqis li għandu jiġi ddikjarat b'mod ċar fil-kaxxi ta' informazzjoni lill-MCTs li sa fejn hija kkonċernata d-*data* personali, il-konformità mal-MCTs waħedha mhux neċessarjament tirriżulta f'konformità mal-GDPR. Il-partijiet jista' jkollhom bżonn jimplimentaw miżuri addizzjonali biex jissodisfaw bis-siġħ ir-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data*. Eżempji speċifiċi fejn jistgħu jkunu meħtieġa miżuri addizzjonali minbarra l-MCTs huma t-termini dwar id-dritt tal-utent li jaċċessa *data* dwar il-prodott u *data* ta' servizz relatata, id-dritt tal-utent li jikkondividi *data* ma' partijiet terzi, il-ħtieġa għall-konformità mal-GDPR minn detentur tad-*data* u minn riċevitur tad-*data* meta jipproċessa *data* personali tal-utent (eż. it-termini ma għandhomx jippreżumu l-eżistenza ta' bażi ġuridika għall-ipproċessar ta' *data* personali, b'mod partikolari l-kunsens), jew l-użu ta' *data* mill-utent li mhijiex suġġett tad-*data*. Barra minn hekk, l-EDPB ifakkar li l-GDPR f'xi ċirkostanzi jirrikjedi li l-partijiet jikkonkludu kuntratt, eż. f'każ ta' trasferiment ta' *data* personali lejn pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali, jistgħu jintużaw klawżoli standard ta' protezzjoni tad-*data* skont l-Artikolu 46(2)(d) tal-GDPR bħala salvagwardji xierqa. Tali klawżoli standard ta' protezzjoni tad-*data* jeħtieġ li jiġu konklużi flimkien mal-MCTs.
- L-MCTs għandhom iqisu aħjar il-vulnerabbiltà tal-konsumatur u l-assimmetrija tal-poter, li joħroġu fl-ekonomija diġitali. Fl-aħħar nett, il-penali kuntrattwali għandhom ikunu proporzjonati u ma għandhomx jiksru d-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*.

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Il-President

(Anu Talus)